



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1689/2009, imressqa minn Angelo Garofalo, ta' nazjonalità Taljana, f'isem 200 impjegat pubbliku fil-Provinċja tal-Umbria, dwar it-trattament indaqs tal-ħaddiema

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, segretarju reġjonali tal-federazzjoni tal-awtoritajiet lokali, jitkellem dwar diskriminazzjoni fil-paga bejn il-ħaddiema b'deskrizzjonijiet u funzjonijiet tax-xogħol identiċi. F'każ minnhom, kienu uffiċjali tal-Provinċja tal-Umbria, u fil-każ l-ieħor kienu membri tal-persunal tal-aġenzija pubblika Ansa, li ġiet integrata fis-servizz ċivili ġenerali reġjonali tal-Umbria. Dawk il-persuni trasferiti mill-Ansa jirċievu paga sa 300-400€ iktar fix-xahar mill-persunal li minn dejjem ħadem mal-amministrazzjoni reġjonali. Il-petizzjonant isostni li ż-żewġ kategoriji huma suġġetti għall-istess rekwiżiti ta' kwalifiki, iwettqu l-istess ħidma u għandhom l-istess anzjanità.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-25 ta' Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-petizzjonant jallega diskriminazzjoni fid-dawl tal-fatt li ħaddiema li kienu impjegati mill-ANSA u li ġew integrati fis-servizz ċivili ġenerali tal-Umbria jitħallsu iktar għall-istess tip ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema ċivili ġenerali oħra li ma kinux impjegati mill-ANSA.

Il-liġi Komunitarja tiddikjara speċifikament li diskriminazzjoni mhux ġustifikata abbażi tas-

sess<sup>1</sup> u r-razza u l-oriġini etnika hija illegali<sup>2</sup>. Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>3</sup> tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tax-xogħol. Madankollu, ma tipprojbixxi id-diskriminazzjoni *per se*. Id-Direttiva tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet speċifikati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva kif ġej:

*Artikolu 1 Skop*

*L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.*

*Artikolu 2 Il-Kunċett ta' Diskriminazzjoni*

*1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, il-“prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament” għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.*

Is-sitwazzjoni li jiddeskrivi l-petizzjonant mhijiex waħda ta' diskriminazzjoni fis-sens li huwa projbit b'mod espliċitu mil-liġi tal-UE, hekk kif deskritt hawn fuq. Madankollu, huwa minnu li d-drittijiet fundamentali li jiformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja jinkludu l-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni. Hija każistika stabbilita<sup>4</sup> li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni jirrikjedi li sitwazzjonijiet simili m'għandhomx jiġu trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti m'għandhomx jiġu trattati bl-istess mod sakemm tali trattament ma jkunx ġustifikat b'mod oġġettiv.

Il-petizzjonant ma tax ħafna dettalji, iżda l-kwestjoni dwar jekk trattament differenti huwiex ġustifikat b'mod oġġettiv hija kwestjoni li għandha tiġi kkunsidrata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li jkunu mistennija jqisu l-integrazzjoni ta' grupp ġdid ta' ħaddiema, u l-iskali differenti tal-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, u evidenza u argumenti oħra, filwaqt li jikkunsidraw, kif dovut, iċ-ċirkostanzi lokali. Mhijiex kwestjoni li tista' tiġi kkunsidrata fil-livell Komunitarju.

Il-kontradizzjonijiet evidenti fil-pożizzjonijiet li ttieħdu minn qrati differenti, irrapportati mill-

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjieg, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol – Ġurnal Uffiċjali L 269/15, 5.1.02

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità – Ġurnal Uffiċjali L 180, 19/07/2000 P. 0022 - 0026.

<sup>3</sup> Ġurnal Uffiċjali L 303, 02/12/2000 P. 0016 – 0022

<sup>4</sup> Ara C-344/04 *Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru u Oħrajn* (paragrafu 95), C-13/05 *Chacón Navas* (paragrafu 56), Każ C-81/05 *Cordero Alonso* (paragrafu 37), C-300/04 *Eman u Sevinger* (paragrafu 57), C-227/04 *Lindorfer kontra l-Kunsill*

petizzjonant, mhumiex kwestjonijiet li jaqgħu taħt il-liġi tal-UE iżda għandhom jiġu riżolti f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Wieħed għandu jfittex li jsib soluzzjoni għall-problema tal-Petizzjonant fil-livell nazzjonali.